MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 376/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Nazarenu Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 t'Ottubru, 2007, kif ukoll fil-jiem ta' qabel, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lil Therese Galea fil-pussess ta' hwejjigha w dan billi harat l-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Marcellino" fil-Maghtab l/t Naxxar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali sabet lil-appellant hati tal-akkuza w ikkundannatu €50 bhala multa,

izda wara li rat ukoll l-artikolu 377(3) citat rat li ma setghetx tapplika dan l-artikolu trattandosi ta’ kaz li ma jinvolvix inkonvenjent kif trid il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata limitatament in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza skond l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali w konsegwentement ikkundannatu ghal €50 bhala multa w tikkonfermaha in kwantu, wara li rat ukoll l-artikolu 377(3) citat, rat li ma setghetx tapplika dan l-artikolu trattandosi ta’ kaz li ma jinvolvix inkonvenjent kif trid il-ligi w b’hekk tilliberah mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal li bih Dott. Lara Lanfracno eccepiet in-nullita’ tar-rikors tal-appell billi ma ntalbitx ir-riforma tas-sentenza appellata kif kellha tintalab skond l-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

Rat il-verbal li bih Dr. Philip Magri ghall-appellant irrimetta ruhu.

Illi hu evidenti illi l-Avukat Generali ghandu ragun li jeccepixxi n-nullita’ tas-sentenza appellata ghaliex la darba mhux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza intiera imma biss parti minnha fl-ewwel lok kellha tintalab **ir-riforma** tas-sentenza appellata w il-fatt li dan ma sarx u dan skond gurisprudenza stabbilita, ggib in-nullita’ tal-appell.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjoni tal-Avukat Generali w tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------